DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/216

tas-17 ta' Frar 2020

dwar il-ħatra tal-Viċi President u ta' żewġ membri oħra full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 56(4) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni, wara li semgħet lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (il-"Bord") fis-sessjoni plenarja tagħha, adottat listi finali ta' kandidati għall-ħatra tal-Viċi President u żewġ membri oħra full-time tal-Bord u pprovdiet dawk il-listi finali lill-Parlament Ewropew.

(2) Il-Kunsill ġie infurmat b'dawk il-listi finali fl-14 ta' Novembru 2019.

(3) Skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-mandat tal-Viċi President u tal-membri l-oħra full-time tal-Bord għandu jkun ta' ħames snin.

(4) Fl-14 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni adottat proposta għall-ħatra tas-Sur Jan Reinder DE CARPENTIER bħala l-Viċi President tal-Bord u tas-Sur Jesús SAURINA u tas-Sur Pedro MACHADO bħala membri oħra full-time tal-Bord u ppreżentat dik il-proposta lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

(5) Il-Parlament Ewropew approva dik il-proposta fit-30 ta' Jannar 2020.

(6) Il-kandidati proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura membri full-time tal-Bord għal mandat ta' ħames snin mill-1 ta' Marzu 2020:

— Is-Sur Jan Reinder DE CARPENTIER, bħala Viċi President,

— Is-Sur Jesús SAURINA, bħala Direttur għall-Ippjanar u d-Deċiżjonijiet ta' Riżoluzzjoni,

— Is-Sur Pedro MACHADO, bħala Direttur għall-Ippjanar u d-Deċiżjonijiet ta' Riżoluzzjoni.

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES